TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 206/10

**Mary Delmar**

**vs**

**Charichelon Co. Ltd. u ROCS Travel**

Illum 6 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet elef, u erbatax-il ewro (€3,014), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq vjaġġ lejn is-South Africa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub fejn ilmentat fuq diversi affarijiet, illi meta waslu l-ajruport ma kien hemm ħadd jilqagħhom, damu xi tliet sigħat jistennew lix-xufier bil-konsegwenza li tilfu l-opportunita' biex jaraw Johannesburg. Ix-xufier kien qed jagħmilha ta' *tour guide* ukoll u li l-vettura kellha tkun Toyota Landcruiser u kull ma sabu kien Toyota Quantum mingħajr *aircondition.* Ukoll minn Johannesberg għal Mpumalanga wara siegħa u nofs illi telqu kellhom jerġgħu jmorru lura għax ma kellhomx il-visas.

Ilmenti oħrajn kienu illi fit-tielet ġurnata kellhom imorru jixtru sabiex isajjru għalihom stess, fejn ipprotestaw għax huma kienu bbukjaw '*quality dining*'. L-akkommodazzjoni wkoll kienet inferjuri ħafna u kellhom jerġgħu jħallsu biex jaraw il-'Bushman rock paintings', u għalhekk qed titlob kumpens.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi kienet ukoll bagħtet flus lejn l-Afrika sabiex ikunu jistgħu jħallsu ta' l-ikel u tax-xorb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal qed jagħti ħafna importanza lil *brochure*, li bażikament dan huwa d-dokument li jkun jista jħajjar lil xi ħadd, fejn fil-*brochure* hemm miktub '*First Class Services, Luxury minibuses, Lodges, Chalets and Log Cabins include all service charges and taxes*', u jidher illi kien hemm diversi nuqqasijiet f'dan l-att.

Għaldaqstant it-Tribunal, jikkunsidra illi hija ngusta li r-rikorrenti qegħda titlob l-ammont kollu tal-vjaġġ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**